MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 64/2012/1

**John Caruana u Peter Caruana**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-intimat minn sentenza moghtija fis-7 ta' Marzu 2014 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet fuq it-talbiet tar-rikorrenti billi sabet li dawn sofrew min-naha tal-intimat lezjoni tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u bl-Artikoli 13 u 14 u bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ["il-Konvenzjoni"]; ordnat il-hlas da parti tal-intimati lir-rikorrenti tal-ammont ta' €25,000 fissat mill-ewwel Qorti bhala danni morali, bir-rizerva lir-rikorrenti li, *si et quatenus* jitolbu danni reali fil-forum opportun; ippreffiggiet terminu perentorju ta' xahar mid-data tas-sentenza appellata li fih l-intimat ghandu jipprocedi skont il-ligi ghad-determinazzjoni tal-kaz; filwaqt li astjeniet milli tiffissa u tordna l-hlas ta' kumpens dovut lir-rikorrenti ghall-espropriju kif mitlub mir-rikorrenti fit-talbiet 4[b] u [c] tar-rikors promotur.

<u>Il-Fatti</u>

2. Dawn jinsabu sufficjentement delineati fis-sentenza appellata li, l-parti relevanti taghha taqra hekk:

> "Jirrizulta illi r-rikorrenti huma proprjetarji ta' bicca art fil-limiti ta' San Gwann li giet esproprjata mill-Gvern ta' Malta fl-1 ta' Novembru 1988, peress illi l-art kienet mehtiega ghal skop pubbliku (bini ta' fabbriki f'zona industrijali), u l-akkwist taghha kellu jsir b'titolu ta' xiri assolut. Ghalkemm l-art giet hekk esproprjata u l-awtoritajiet governattivi hadu pussess tal-art, ma nhareg ebda avviz ghall-ftehim u lanqas ma ntbaghtet ittra ufficjali sabiex jibda l-process ta'

trasferiment tal-art u hlas ta' kumpens. Tul is-snin li din l-art ilha f'idejn il-Gvern, ftit li xejn sar progress, hlief li, da parti tal-intimat, saru ricerki biex jigu identifikati s-sidien. Ir-rikorrenti, da parti taghhom, iccaqalqu biss fl-2007 biex jitolbu hlas ta' kumpens ghall-esproprjazzjoni, bl-intimat iwiegeb li kien lest jipprocedi "malli jkollu r-rizorsi necessarji biex jaghmel dan".

"Nonostante li fil-kuntest tal-art tar-rikorrenti ghadu ma sar xejn, jirrizulta li l-Gvern kien esproprja art adjacenti proprjeta' ta' terzi, liema art ittiehdet ghall-istess skop u fl-istess zmien. Fil-kaz ta' dawn it-terzi, il-process ta' esproprju gie konkluz u sar hlas ta' kumpens b'zewg kuntratti ppubblikati f'Jannar tal-1991 u fi Frar tal-2000."

## Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din il-Qorti ma tarax li ghandha tahli wisq zmien fuq dan il-kaz. Ir-rikorrenti ilhom aktar minn 25 sena jistennew biex jiehdu dak li hu dovut lilhom, u filwaqt li terzi li kellhom art vicin u li giet esproprjata fl-istess zmien thallsu l-kumpens dovut, ir-rikorrenti ghadhom jistennew. Il-qrati taghna ripetutament affermaw il-principju li, filwaqt li l-Gvern ghandu l-poter li jesproprja proprjeta' fl-interess pubbliku, hu ghandu obbligu li jhallas kumpens gust u xieraq ghall-proprjeta' esproprjata, u jara li jikkonkludi l-process ta' trasferiment u hlas fi zmien ragjonevoli. Iz-zmien irid ikun ragjonevolment qasir biex jinzamm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet tac-cittadin privat li tkun ittehditlu l-proprjeta'.

"F'kazijiet ta' din ix-xorta, ir-raguni tad-dewmien tibqa' dejjem dik ta' nuqqas ta' fondi. Fis-sebghinijiet u t-tmeninijiet gew mehuda hafna proprjeta' mill-Gvern minghajr ma jidher li kien hemm flus allokati ghalihom, bir-rizultat li hafna proprjetarji baqghu ghal zmien twil bla kumpens (u hafna hekk ghadhom) u l-procedura ghall-konkluzjoni tat-tehid u l-ghoti tal-kumpens, hadet xejra ta' "go slow". Il-gvernijiet tal-lum huma rinfaccjati bi pretensjonijiet ghall-kumpens ghal tehid ta' proprjeta' li jmur lura ghal dawk iz-zminijiet (jekk mhux anke qabel), izda mhumiex qed jallokaw fondi bizzejjed biex dawn it-talbiet jigu determinati fi zmien qasir, bir-rizultat li hafna sidien qed jirrikorru ghall-proceduri legali biex forsi jaslu li jiehdu kumpens malajr.

"Jibqa' l-fatt li cittadin ma ghandux jithalla jistenna 25 sena qabel ma l-Gvern jibda jitkellem dwar il-kumpens tal-art li tkun ittehditlu.

"Fil-kawza ricenti fl-ismijiet "Vica Ltd. vs Kummissarju tal-Artijiet et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2012, dik il-Qorti ghamlet enfasi fuq il-fatt li l-Gvern ikun qed jagixxi bi ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sid il-proprjeta'

meta jiehu zmien twil biex jissetilja materja bhal din. Anke f'dak il-kaz, iz-zmien kien ta' hamsa u ghoxrin sena, u dik il-Qorti qalet li dak it-tul ta' zmien "certament li mhux zmien ragjonevoli". Dik il-Qorti sabet li b'dan id-dewmien, l-intimat cahhad lis-socjeta' rikorrenti mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli fir-rigward tad-determinazzjoni tad-drittijiet civili taghha u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dik il-Qorti osservat ukoll illi:

"*Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan id-dewmien jammonta ghal ksur tad-dritt ta' proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex is-socjeta' rikorrenti ilha ghal dawn is-snin kollha mcahhda mill-proprjeta' taghha minghajr ma hadet kumpens u ghalhekk, "il-bilanc" bejn l-interess taghha u l-interess generali ma nzammx.*"

"Dan kollu jghodd ghall-kaz meritu ta' dawn il-proceduri, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti ssib din il-vjolazzjoni, li ghandhom japplikaw anke ghall-kaz odjern. Hu veru li s-socjeta' rikorrenti setghet agixxiet gudizzjarjament biex il-qrati jimponu termini fuq l-intimat biex dan imexxi bil-process, pero' dan jista' se mai jinfluwixxi l-quantum tad-danni peress illi din il-Qorti tqis li l-obbligu biex jimxi tempestivament hu mixhud fuq l-intimat Kummissarju tal-Art, u jmur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi mhux biss li ghandha ggorr il-piz tal-esproprju izda wkoll li sabiex l-awtorita' pubblika toqghod mal-obbligi imposti fuqha bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi ffissat terminu li fih l-awtorita' pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha.

"Il-process jidher li ghadu stagnat peress li l-intimat Kummissarju tal-Art naqas u qed jonqos milli jipprocedi kif trid il-ligi. Fil-fatt, kif osservat din il-Qorti fil-kaz "Frendo Randon v. Kummissarju tal-Artijiet", deciza fl-4 ta' Frar, 2000 (ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' Lulju 2009):

"*... ... jinkombi (fuq) l-Kummissarju tal-Art li jistabilixxi (min huma) s-sidien tal-art u li jaghmel dak kollu necessarju sabiex dawn jigu notifikati u l-proceduri jipprosegwu regolarment. Ghalhekk mhux skuzanti ghall-Kummissarju tal-Art li jghid li l-atturi naqsu li jipprovdu l-informazzjoni mehtiega dwar it-titolu taghhom. Inoltre, jigi osservat li l-ligi (Kap. 88) ma tippermetti ebda skuza ghal dewmien ghad-determinazzjoni tal-kumpens xieraq billi f'kaz li s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu incerti jew assenti jew minuri jew persuna inkapaci, l-artikolu 10 jiddisponi li 'il-procediment taht din l-Ordinanza jsiru kontra kuraturi li jigu mahtura kif jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*"

"Ghal dan id-dewmien ghandu jwiegeb ghad-danni l-istess Kummissarju tal-Art.

"F'dan il-kaz, jirrizulta wkoll li l-Gvern mexa b'mod differenti ma' terzi li kienu fl-istess sitwazzjoni bhar-rikorrenti. Dawn it-terzi ttehditilhom art fl-istess inhawi u fl-istess zmien, tant li anke n-numru tal-files huma relatati ma' xulxin. Il-kaz ta' dawn it-terzi gie konkluz f'temp ta' hdax, tnax-il sena (li diga' huwa eccessiv), izda r-rikorrenti ghadhom, wara 25 sena, jistennew "closeur". L-

intimat ma offra ebda spjegazzjoni plawsibbli ghal din id-diskriminazzjoni , u din il-Qorti tikkonkludi li anke taht dan l-aspett sehh ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti.

> "Ghad-diversi nuqqasijiet, din il-Qorti tara li ghandha tillikwida danni morali kif ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet ta' "Vica Ltd" u "Frendo Randon" imsemmija fil-kors ta' din is-sentenza. Is-socjeta' rikorrenti talbet ukoll danni reali. Hu fatt li, fil-verita' hemm zewg tipi ta' 'danni' li ghalih is-socjeta' rikorrenti tista' tkun intitolata, dawk morali, ghall-oltragg li garrab bl-aggressjoni tal-intimati, u dawk civili jew materjali, ekwivalenti ghat-telf ta' qliegh futur rizultanti minn loss of use. Normalment, id-danni tal-ahhar tip jintalbu bhala rimedju ordinarju f'kawza quddiem il-qrati ordinarji. Dan ghaliex, kif jinghad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija", deciza fit-2 ta' Novembru, 2001:
>
> "*Il-principju kollu dejjem ikun illi l-kompetenza Kostituzzjonali u l-kompetenza Civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appoziti b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku.*"

"Fil-likwidazzjoni tal-kumpens, din il-Qorti se tiehu qies ukoll dak li osservat din il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Frendo Randon", imsemmija aktar qabel, fis-sens li gej:

> "*62. inoltre, hemm konsiderazzjoni ohra pertinenti ghall-kaz in dizamina. Kif gie rilevat minn din il-Qorti fis-sentenza taghha "**Paul Fenech vs Kummissarju ta' l-Artijiet**", deciza fl-20 ta' Frar 2009, f'kazijiet bhal dak odjern kien jezisti rimedju ordinarju, fejn sid l-art jistitwixxi proceduri civili fejn jitlob lill-Qorti tiffissa terminu qasir u perentorju li fih, il-Kumissarju tal-Artijiet irid jagixxi biex ikompli l-procedura tal-esproprjazzjoni. Ghalkemm ir-rikorrenti appellanti utilizzaw dan ir-rimedju biss fl-1996, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li huma kellhom jaghmlu uzu minn dan ir-rimedju ghexieren ta' snin qabel, u kieku ghamlu hekk, forsi li d-dewmien f'dan il-kaz kien jonqos konsiderevolment. Konsegwentement, fil-likwidazzjoni tad-danni morali, ghandu jittiehed ukoll kont tal-fatt li r-rikorrenti appellati jahtu wkoll f'certu sens, ghalkemm b'mod limitat hafna, ghal dan id-dewmien ghaliex ghal snin shah naqsu li jutilizzaw rimedju ordinarju disponibbli ghalihom.*"

"Is-socjeta' rikorrenti f'dan il-kaz, qatt ma utilizzaw ir-rimedju ordinarju, izda ressqu din il-kawza biss hafna snin wara li harget l-ewwel dikjarazzjoni ta' esproprjazzjoni. Minhabba f'hekk, ghandu jkun hemm temperament fid-danni morali ffissati bhala kumpens.

"Ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tiffissa l-ammont ta' kumpens li ghandu jkun offrut lilhom ghat-tehid tal-art, pero', tali ordni ma tidholx fil-mansjoni ta' din il-Qorti, almenu f'dan l-istadju meta l-process ta' determinazzjoni ta' kumpens ghadu lanqas biss beda u meta se mai, l-offerta' tal-intimat tista' tigi kkontestata quddiem il-Bord kompetenti. Il-Qorti, pero', sejra tiffissa terminu perentorju ta' xahar mil-lum li fih l-intimat ghandu jibda l-proceduri mahsuba mil-ligi ghad-determinazzjoni tal-kumpens.

> "Wara li kkunsidrat id-drittijiet fundamentali kollha li fil-fehma ta' din il-Qorti gew lezi kif fuq spjegat, u wara li din il-Qorti qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-estensjoni tal-artijiet in kwistjoni u t-tul ta' zmien tal-lezjonijiet imsemmija b'referenza ghall-artijiet rispettivi, u d-dewmien da parti tar-rikorrenti li jmexxu gudizzjarjament, il-Qorti, hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandhom jinghatalhom kumpens ghal danni morali ta' €25,000 maqsuma nofs kull wiehed bejn iz-zewg rikorrenti."

<u>L-Appell</u>

4. L-appell tal-intimati hu bazat fuq sitt aggravji: [1] li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju quddiem il-qrati ordinarji ghall-ilment taghhom, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, [2] li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern in vista ta' dak kontemplat fl-Artikolu 47[9] tal-Kostituzzjoni, [3] li ma hemmx vjolazzjoni tal-principju tal-proporzjonalita`, ghax mhux konstestat li l-art ittiehdet ghal skop pubbliku, u r-rikorrenti ghad ghandhom rimedju ordinarju quddiem il-Bord tal-Arbitraggi dwar l-Artijiet; barra minnhekk, ghad-dewmien ghall-hlas ta' kumpens ikkontribwew l-istess rikorrenti, [4] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib vjolazzjoni da parti tal-intimati tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni peress li r-rikorrenti kellhom rimedji civili ghad-dispozizzjoni taghhom, [5] li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib vjolazzjoni da parti tal-intimati tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni peress li din ma tinsabx sostnuta mill-provi, [6] li l-ammont ta' €25,000 fissat mill-Qorti bhala danni morali huwa eccessiv, u dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kienet tkun rimedju adegwat fic-cirkostanzi tal-kaz.

5. Ghalhekk l-intimat qed jitolob li s-sentenza appellata tigi riformata f'dik il-parti fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u ffissat kumpens morali fl-ammont fuq indikat, u tigi kkonfermata ghall-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

6. Min-naha taghhom ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet minnhom esposti fir-risposta taghhom, qed jitolbu li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

*L-ewwel u r-raba' aggravji*

7. Dawn l-aggravji ser jigu trattati flimkien peress li huma konnessi. Huma bazati fuq il-presuppost li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv sabiex jindirizzaw l-lanjanzi taghhom, u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tastjeni milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, u wkoll ma kellhiex issib ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

8. L-intimat isostni li l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eccezzjoni preliminari tieghu u tirrifjuta milli tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4[2] tal-Konvenzjoni in kwantu r-rikorrenti kellhom u ghad ghandhom rimedji ordinarji quddiem il-qrati ordinarji u li naqsu milli jutilizzaw qabel ma bdew il-proceduri odjerni li huma ta' natura

straordinarja. Huwa biss wara l-ezawriment ta' dawn ir-rimedji r-rikorrenti kellhom jipprocedu bil-proceduri kostituzzjonali.

9. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel Qorti kellha s-setgha diskrezzjonali li tastjeni kieku hasset hekk desiderabbli milli tiehu konjizzjoni tal-kaz odjern, izda fic-cirkostanzi ma tikkonsidrax li dik il-Qorti kienet skorretta fil-mod kif ezercitat din id-diskrezzjoni taghha.

10. Mill-provi jirrizulta li l-intimat esproprja l-art tar-rikorrenti bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali pubblikata fis-sena 1988 u f'dak iz-zmien huwa ha pussess tal-art taghhom, filwaqt li naqas mill-obbligu tieghu li johrog l-Avviz tal-Ftehim jew li jibghat ittra ufficjali sabiex jinbeda l-process ta' trasferiment tal-art u tal-hlas tal-kumpens. Jirrizulta li ghall-ittri li r-rikorrenti baghtu lill-intimat fis-snin 2007, 2010 u 2011 dan wiegeb li hu kien lest li jipprocedi "kif ikollu r-rizorsi necessarji biex jaghmel dan"[1]. Ghalhekk jirrizulta car li l-intimat naqas mill-obbligi tieghu li jibda l-process ta' trasferiment tal-art u hlas tal-kumpens ghax skont hu ma kellux fondi bizzejjed allokati ghal dan l-iskop. Fic-cirkostanzi din il-Qorti tosserva li jidher li ftit li xejn kien ser ikun effettiv ir-rimedju quddiem il-qrati ordinarji jekk kif sostnut minnu l-intimat ma kellux fondi allokati minn fejn ihallas il-kumpens.

[1] Fol. 79

11. L-intimat jissottometti li l-Kap.88 ma jimponi ebda terminu fuq l-awtorita` pubblika sabiex jipprocedi ghax-xiri tal-art li jkun esproprija bid-Dikjarazzjoni Presidenzjali. Jghid ukoll li r-rikorrenti hallew jghaddi zmien twil hafna qabel ma bdew il-proceduri odjerni. Din il-Qorti tosserva li dan xorta wahda ma jnehhi xejn mill-obbligu tal-awtorita` pubblika li wara li din tkun hadet pussess tal-art tipprocedi fi zmien ragjonevoli ghall-hlas tal-kumpens, ghax kif korrettament osservat l-ewwel Qorti , *"imur kontra kull rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-persuna li wiehed jippretendi li din mhux biss ghandha ggor il-piz tal-esproprju, izda wkoll li sabiex l-awtorita` pubblika toqghod mal-obbligi imposti fuqha … jrid ikun l-istess vittma li jistitwixxi proceduri biex jigi fissat terminu li fih l-awtorita` pubblika ghandha taqdi d-dmirijiet taghha."*[2]

12. Dan il-hsieb huwa konformi mal-osservazzjoni maghmula mill-Qorti Ewropea fil-kawza **Victoria Vassallo v. Malta** [Appl. 57862/09, deciz 11 Ottubru 2001] fis-sens li:

> "owners could not be expected to incur the expense and burden of instituting proceedings to ensure the authorities' fulfilment of their legal obligations [see, mutatis mutandis, *Apostol v Georgia*, no.40765/02 para.64-65 ECHR 2006-XI in relation to enforcement proceedings]. Moreover, the mere fact that the Government would have been forced by means of a court decision to initiate proceedings, would not guarantee that those proceedings would thereafter be pursued with due diligence." [para.46].

13. Barra minnhekk fil-kawza **Deguara Caruana Gatto v. Malta**, [Appl.14796/11 deciza 9 Lulju 2013] il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni relevanti:

[2] Sent. Pg.8

> “Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for exproprtation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see *Akkus v Turkey*, 9 July 1997 para.29…] The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see *Aka v Turkey,* 23 September 1988 para.49..][para.52].

14. Fil-kaz odjern jirrizulta kristallin li d-dewmien da parti tal-intimat ghall-hlas tal-kumpens huwa wiehed esagerat u irragjonevoli u huwa manifestament leziv tad-dritt tar-rikorrenti sancit fl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghall-kaz odjern japplika bis-shih dak osservat minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Peter Cassar Torreggiani v. Kummissarju tal-Art**, deciza fl-10 ta’ Novembru 2011*:*

> “F’kaz bhal dan fejn l-awtorita` pubblika kompetenti naqset milli tagixxi bid-diligenza opportuna ghal zmien tant twil billi l-ewwel hadet 18-il sena biex tohrog l-Avviz ghall-Ftehim u imbaghad hadet mhux anqas minn 12-il sena ohra sabiex ipprocediet quddiem il-Bord kompetenti, ma jkunx gust li l-awtorita` pubblika tigi ppremjata ghall-inefficjenza u ibernazzjoni taghha billi din il-Qorti tiddeklina mill-ezercizzju tal-gurisdizzjoni kostituzjonali taghha, u anzi ssir impellenti li din il-Qorti tasserixxi dik il-gurisdizzjoni billi ssir gustizzja mal-persuna privata mill-proprjeta` taghha ghal zmien tant twil minghajr kumpens.” [para.17].[3]

15. In vista tal-premess l-ewwel Qorti kienet korretta meta, wara li ghadda dak iz-zmien kollu, u meta kien jirrizulta car li minhabba f’hekk l-r-rikorrenti kienu u ghadhom isofru lezjoni tad-dritt fundamentali taht l-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, ghazlet li f’dan il-kaz tezercita s-setghat taghha.

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

---

[3] Ara wkoll il-kazistika hemm indikata

*It-tieni aggravju*

17. Dan hu fis-sens li l-Artikolu 37 huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern peress li l-ligi li bis-sahha tieghu sar l-espropriju, cioe` l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skop Pubbliku, kienet gja` fis-sehh qabel id-data tat-3 ta’ Marzu 1962, u ghalhekk bis-sahha tal-Artikolu 47[9] tal-Kostituzzjoni hija ezenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu precitat.

18. Din il-Qorti fir-rigward taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija minnha fl-ismijiet **L-Avukat Dr.Rene Frendo Randon et v. il-Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fl-10 ta’ Lulju 2008 u dik fl-ismijiet **Peter Azzopardi noe v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fil-11 ta’ Novembru 2011. Fl-ahhar sentenza gie ritenut li:

> “Ir-rikorrent appellat ma setghax javvanza pretensjonijiet kostituzzjonali a bazi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-esproprijazzjoni saret bi thaddim tad-dispozizzjoni tal-Kapitolu 88 li ilu fis-sehh minn hafna snin qabel it-3 ta’ Marzu 1962 u ghalhekk it-taddim ta’ dik il-ligi huwa mharet bl-Artikolu 47[9] milli jikser l-Artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni......... ma hemmx dubju li l-Kap.88 gie emendat wara din id-data, izda r-rikorrenti f’ ebda hin ma ndikaw xi emenda li b’xi mod taqa’ taht xi wiehed mill-paragrafi a sa d tal-Artikolu 47 [9]. Ghalhekk l-unika konkluzjoni li wiehed jista’ jasal ghaliha hija li d-dispozizzjonijet tal-Kap.88 li tahtu saret l-ordni tal-esproprijazzjoni de quo huma salvati bl-Artikolu 49 [9] milli jiksru l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. [para.31]

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat in kwantu l-ewwel talba milqugha mill-ewwel Qorti tindika wkoll lezjoni kontemplata tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

*It-tielet aggravju*

20. Dan hu fis-sens li t-tehid tal-proprjeta` tar-rikorrenti huwa gustifikat ghax jissodisfa tlett kundizzjonijiet: [a] li l-mizura mehuda mill-Istat saret taht qafas legali, [b] li saret ghal skop legittimu, [c] li l-mizura fiha nnifisha zzomm bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan pubbliku u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

21. L-intimat jissenjala t-tielet fattur, u jkkontendi li l-fatt li sallum ghadu ma sarx il-hlas lir-rikorrenti ma jfissirx li hemm nuqqas ta' bilanc jew proporzjonalita` kif deciz mill-ewwel Qorti, stante li tali kumpens ghad irid jigi fissat mill-Bord tal-Arbitragg, u huwa wara li jigi hekk fissat, f'kaz li l-appellati jidhrilhom li l-kumpens offrut lilhom mhux wiehed xieraq, li r-rikorrenti kellhom jadixxu lil din il-Qorti.

22. Din il-Qorti tosserva li dan ir-ragunament tal-intimat huwa hazin, ghax bil-fatt stess li ghal zmien sostanzjali r-rikorrenti baqghu u ghadhom minghajr kumpens ghat-tehid tal-proprjeta` taghhom, anke jekk dak it-tehid huwa wiehed legittimu, tikkonfigura l-vjolazzjoni kontemplata fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [ara **B&B Property Development Co.Ltd. v. Kummissarju tal-Art**, deciza 9 ta' Novembru 2012, u **Vica Ltd. v. Kummissarju tal-Artjiiet**, deciza 3 ta' Frar 2012]. In-nuqqas ta' hlas ta'

kumpens ghat-tehid ghal zmien sostanzjali bhal dak in dizamina fih innifsu jpoggi fuq ir-rikorrenti piz eccessiv u sproporzjonat u b'hekk qed jivvjola l-principju tal-'fair balance' li insitu fl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, anzi huwa "inherent in the whole Convention" [ara **Cossey v. UK** 1990].

23. Rigward id-dewmien da parti tar-rikorrenti li jipprocedu gudizzjarjament ghat-tehid ta' dak li jispetta lilhom bid-dritt, dan il-fatt ghandu relevanza ghall-fini tal-komputazzjoni tal-kumpens, imma zgur li ma jstax validament jitqieghed bhala raguni jew gustifikazzjoni valida ghad-dewmien da parti tal-intimat.

24. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*Il-hames aggravju*

25. Dan l-aggravju jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet ksur ukoll tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni li jipproteggi bhala dritt fondamentali d-dritt kontra d-diskriminazzjoni, b'referenza ghall-kumpens li thallas lill-proprjetarji tal-art kontingwa ghall-art *de quo* li, flimkien mal-art tar-rikorrenti kienet giet esproprijata ghall-istess skop. Huwa jghid li d-diskriminazzjoni ma tinsab sostnuta b'ebda prova, u mill-provi jirrizulta biss li din l-art kienet tappartjeni lill-Ghaqda Muzikali Sant' Elena u li skont ir-rikorrenti kienu involuti diversi politici sabiex din l-ghaqda wara hafna zmien thallset il-kumpens dovut lilha.

26. In tema legali din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

27. Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> "It-tgawdija tad-drittijiet jew libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor."

28. Kif affirmat, kemm fil-gurisprudenza lokali, kif ukoll f'dik Ewropea:

> "......... the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated when States treat differently persons in analagous situations without providing an objective and reasonable justification."*[ECHR Wessels-Bergovoet v. The Netherlands, deciza 4 Settembru 2002; ECHR Frette v France, deciza 26 Frar 2002, para.34; u Zarb Adami v. Malta, deciza 20 Gunju 2006; u wkoll, QK Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali – deciza 24 Gunju 2011].*

29. Fil-kaz in dizamina ma giet allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi mottiv ta' status kif rikjest sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u l-ewwel Qorti ma indikat ebda motiv formanti l-bazi tad-diskriminazzjoni, ghajr ghall-fatt li proprjetarji tal-art adjacenti ghal taghhom esproprijata ghall-istess skop thallsu kumpens. Il-Qorti tosserva li mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati [Ara Kaz **Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark**, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56; Kaz **Carson u Ohrajn v. UK** § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010; Qorti Kostituzzjonali

**Enrietta Bianchi et v. Avukat Ġenerali et**, 24 Ġunju 2011; Qorti Kostituzzjonali **Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Generali** 28 Settembru 2012; Qorti Kostituzzjonali **Lawrene Grech v. L-Avuvkat Generali**, 31/1/2014]. Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz ma jistax legalment jitqies li tirrizulta vjolazzjoni tad-dritt fundamentali protett fl-Artikolu *de quo*.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.

*Is-sitt aggravju*

31. Dan jirrigwarda r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghal-lezjoni riskontrata mir-rikorrenti tad-dritt ta' proprjeta` kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. L-ewwel Qorti kkomputat danni morali fl-ammont ta' €25,000, u wkoll iffissat zmien perentorju ta' xahar sabiex l-intimat jipprocedi ghad-determinazzjoni tal-kaz li jwassal ghal komputazzjoni u hlas tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghall-espropriju tal-art taghhom.

32. L-intimat isostni li f'dan il-kaz dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kienet tkun rimedju sufficjenti ghall-lezjoni sofferta mir-rikorrenti. Jghidu li wara kollox l-mizura tal-espropriju kienet wahda legittima u fl-interess pubbliku. Inoltre, jissottomettu li *dato non concesso* li ghandhom jinghataw danni morali lir-rikorrenti, l-ammont fissat mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv tenut kont

ukoll li l-Kap.88 jipprovdi ghall-hlas ta' imghaxijiet fil-kaz ta' dewmien fil-hlas tal-kumpens.

33. Min-naha taghhom ir-rikorrenti jirribattu ghal dan l-aggravju billi jissenjalaw il-fatt li l-kumpens fissat mill-ewwel Qorti kien jirrapprezenta danni morali, mhux danni materjali.

Ikomplu jfissru dan l-aggravju hekk:

> "Dan l-aggravju juri bic-car kemm il-Kummissarju tal-Art mhux jiehu bis-serjeta` misthoqqa l-obbligi li ghandu fil-konfront tac-cittadini sidien privati, f'dan il-kaz l-esponenti meta ttehdilhom proprjeta` ghal skop pubbliku. L-esponenti kellhom dritt li jircevu kumpens adewgwat, kien kemm kien, <u>immedjatament</u> wara li ttiehditilhom l-art. Dan kien 26 sena ilu, meta r-realta` tal-hajja, ic-cirkostanzi tal-esponenti u tal-familji taghhom u l-valur tal-flus, kienu ghal kollox differenti milli huma llum. Fil-frattemp, bin-nuqqas tal-appellant li jaghmel l-offerta, u li jinghalaq il-process tal-hlas tal-kumpens, l-esponenti tilfu l-opportunitajiet kollha li setghu jiehdu vantagg minnhom biex ihaddmu l-flus li kellhom jedd ghalihom dak iz-zmien ghall-beneficju taghhom u ta' wliedhom."

34. Fir-rigward jinsab ritenut mill-Qorti Ewropea li:

> "Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums of money by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied. [ECHR *Amato Gauci v Malta* 15/09/2009]."

35. Fil-kaz in dizamina il-kumpens li nghata mill-ewwel Qorti kien limitat ghad-danni morali biss, u cioe` ghall-ansjeta` u frustrazzjoni li ghaddew u qed jghaddu minnha r-rikorrenti meta, wara li ttehditilhom l-art taghhom fis-sena 1988, baqghu sallum ma thallusx il-kumpens dovut lilhom bazat fuq il-valur tal-

art. Il-kumpens materjali dovut lilhom bhala kumpens tat-tehid tal-art taghhom ghad irid jigi stabbilit mill-bord kompetenti.

36. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont li l-intimat, ghall-ittri li kienu jibaghtulu r-rikorrenti, kien jirreagixxi billi jghid lir-rikorrenti li ma kellux fondi bizzejjed allokati biex ihallashom il-kumpens dovut lilhom, u tenut ukoll kont tal-fatt li ghaddew kwazi 26 sena mit-tehid tal-proprjeta` u r-rikorrenti ghadhom ma gewx kompensati skont il-Kap. 88, huwa difficli kif, f'dawn ic-cirkostanzi, l-intimat jista' jsib gustifikazzjoni ghas-sottomissjoni tieghu li f'dan il-kaz dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni kienet tkun rimedju effettiv u sufficjenti ghal-lezjoni konvenzjonali. Ghalhekk din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li f'dan il-kaz akkordat kumpens ghad-danni morali, oltre li pprefiggiet terminu lill-intimat sabiex dan, wara xejn anqas minn 26 sena, jibda l-proceduri ghall-komputazzjoni tal-kumpens mill-Bord tal-Arbitraggg. Min-naha l-ohra ma jistax jigi njorat il-fatt li r-rikorrenti ghal erbgha u ghoxrin (24) sena baqghu ma hadux passi gudizzjarji biex jirreklamaw id-drittijiet Konvenzjonali taghhom.

37. Illi tenut kont tal-premess, din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti u l-komputazzjoni maghmula minnha, meta kkwantifikat id-danni morali fl-ammont ta' €25,000, stante li tqis li fic-cirkostanzi dan l-ammont huwa wiehed ragjonevoli.

38. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-intimat limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti irriskontrat ksur da parti tal-intimat tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni; u tikkonfermaha ghall-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern ghandhom jigu sopportati in kwanti ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-intimat u terz [$^{1}/_{3}$] mir-rikorrenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------